**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

---

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

## Laqgħa Nru. 21(07)/2016 (Kontinwazzjoni)

Data: 2 ta` Settembru 2016

Hin: 3:00pm

Post: Kunsill Lokali Birgu, Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu

---

Preżenti:
***Is-Sur John Boxall*** – *Sindku*
***Is-Sur Trevor Mizzi*** – *Viċi Sindku*
***Is-Sur Anton Gellel*** – *Kunsillier*
***Is-Sur Lawrence Attard*** – *Kunsillier*
***Is-Sjra Lara Mascena*** – *Deputat Segretarju Eżekuttiv*

Skużat: ***Is-Sur Eman Zerafa*** – *Kunsillier*

---

**AĠENDA**

1. Jum il-Birgu 2016;
2. Birgufest 2016;
3. Sejha ta` Kwotazzjoni ta` Tlugh u Inzul tal-Bandiera fuq il-Mina l-Kbira;
4. Korrispondenza

## Talba

Is- Sindku qal it-talba u ta bidu ghall-kontinwazzjoni tal-Laqgha numru 21(07).

### 1. Jum il-Birgu 2016

Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li bhala parti mill-attivitajiet li ser jitellghu ghal Jum il-Birgu 2016, ser titella` wirja ta` arteggjanat fil-binja tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza. Din il-wirja ser tinfetah nhar il-Hadd 4 ta` Settembru 2016 fl-ghaxra ta` filghodu (10:00am). Waqt il-laqgha gie diskuss il-programm li ser jitella` nhar l-Erbgha 7 ta` Settembru, fejn gew diskussi xi punti li ghad irridu jigu kkonfermati. Rigward il-prezentatur, is-Sur Boxall qal li l-Kunsill ghamel kuntatt ma` diversi prezentaturi mill-Birgu imma sfortunatament ghalxejn. Is-Sur Boxall propona li naghmlu kuntatt mas-Sur Charles Camenzuli. Is-Sur Anton Gellel sahhaq li ghal dakinhar jithallew zewg haddiema tal-Kunsill (tal-ETC) biex jkunu prezenti ghal waqt ic-celebrazzjonijiet sabiex jkunu jisghtu jghinnu ghal dak li jista` jinqala. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

### 2. Birgufest 2016

Is-Sindku nforma lil dak prezenti li waqt il-laqgha tas-Sotto Kumitat gew diskussi l-bands li ser jippartecipaw ghal waqt l-attivitajiet tal-Gimgha u s-Sibt. Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat ir-rakkomandazzjonijiet tas-sotto kumitat. Dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku prezenta kwotazzjoni tal-Kinetic Dance Company ghal performance ta`zfin ghal waqt l-attivita tal-Gimgha u s-Sibt filghaxija. Wara li din giet diskussa, gie deciz li l-kwotazzjoni tigi approvata. Waqt din il-laqgha, s-Sindku prezenta l-poster tal-Birgufest 2016 lill-Kunsilliera prezenti. Dwar dan kulhadd qabel ma` dan il-poster. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill irid jiccekja jekk il-logo tal-V18 huwiex obbligu tal-Kunsill biex jinkludih fil-poster jew le. Dwar dan ghandha tintbghat email lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 3. Sejha ta` Kwotazzjonijiet ta` Tugh u Inzul tal-Bandiera fuq il-Mina l- Kbira

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li ghal din is-sejha ta` kwotazzjonijiet, il-Kunsill ircieva kwotazzjoni wahda. Din il-kwotazzjoni kienet mitfugha mis-Sur Alfred Mizzi ghall-prezz ta` sitt ewro kuljum. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u l-offerta giet milqugha u approvata.

## 4. Korrispondenza

### 4.1 Cirkulari Nru 7/2016 – Gbir ta` Data – Aged Creditors Balance sa` 30 ta` Gunju 2016

Is-Sindku spjega l-ittra mibughta mill-Kunsill fejn l-istess Kunsill spjega li din l-informazzjoni ma tistax tinghata ghal fatt li l-accounts tal-Kunsill bhalissa m`humiex *"up dated"*. Hekk kif il-Kunsill ikollhu l-accountants up dated, ser tintbghat l-informazzjoni kollha mitluba mid-Dipartiment.

### 4.2 Tindif tal-Vittoriosa Waterfront

Mibughta ittra lis-Sur Ramon Deguara dwar tindif fil-Vittoriosa Waterfront, fejn il-Kunsill informa lis-Sur Deguara li f`din iz-zona m`ghadhux issir tindif u hasil ta` triq u lanqas biss qed jitnaddfu dustbins u jisaqew il-pjanti minn naha tad-Dipartiment ikkoncernat. Din iz-zona qed titqies wahda ta` telqa. Is-Sindku kompla billi spjega li qed ikun hemm hafna jottijiet li qed jitfu l-affarijiet bulky faccatta tal-jottijiet fuq il-bankina in-naha ta` fejn kien hemm il-Casino. Is-Sindku, s-Sur John Boxall kompla jghid li l-Kunsill informa lill-Grand Harbour Marina li l-Kunsill lest li jogbor dan il-bulk refuse imma bi hlas u dan ghal fatt li l-jottijiet m`humiex residenti fil-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4.3 Gemellagg mad-Disrett ta` Beyoglu (Turkija)

Mibughta ittra mill-Kunsill Lokali tal-Isla dwar l-ideja ta` gemellagg li kellhu jsir bejn it-tlett ibliet tal-Kottonera u disrett ta` Beyoglu gewwa Turkija, fejn gie deciz li dan il-process jitwaqqaf minhabba sistwazzjoni li ghadejja bhalissa f`dan il-pajjiz. Il-Kunsill qabel ma` din il-proposta.

## 4.4 Patt ta` hbiberija mal-belt ta` Valmontone fl-Italja.

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva korrispondenza mill-belt ta` Valmontone sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jiffirma patt ta` hbiberija ma` din il-belt. Is-Sindku spjega li bejn din il-Belt ta` Valmontone u l-Belt tal-Birgu hemm in komuni pitturi mill-artist Mattia Preti. Is-Sindku kompla jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu diga` kien ntaqa` mas-Sindku tal-Valmontone gewwa Malta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex issir dan il-ftehim.

## 4.5 Cirkulari 9/2016 Inizjattiva dwar restawr ta` postijiet storici 2016.

Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu sottometta l-applikazzjoni tieghu ghar-restawr tal-faccatta tal-Berga ta` Franza u l-faccata ta` naha ta` wara tal-istess Berga. Is-Sur Boxall kompla jghid li l-Kunsill jittama li din id-darba, l-applikazzjoni tigi accettata u li jkollna risposta pozittiva.

## 4.6 Eramsus + Project

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera nteress sabiex ikun msieheb fil-progett tal-Erasmus + bl-isem ***INCOME – Innovating Coworking methods through Exchange***. Dan il-progett irid jigi ssottomess sal-4 ta` Ottubru 2016.

## 4.7 Talba ta` gemellagg mall-bliet ta` Cimini u Tiscia fl-Italja.

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu ghal dan il-gemellagg. Kompla jghid li matul dawn l-ahhar snin, il-Kunsill Lokali tal-Birgu qatt ma gie maghzul sabiex jibghat rapprezentant fid-diversi gemellaggi u konferenzi li jsiru barra minn Malta mtella` mill-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 4.8 It-tindif u l-hasil ta` toroq li saru bil-pavimentar.

Is-Sindku tah spjegazzjoni dwar l-poblema ta` tindif u hasil ta` toroq li saru bil-pavimentar. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill gie mwieghed u gwidat mir-Restoration Unit sabiex l-istess Kunsill ikun jista` jaghmel uzu mill-pipijiet li hemm fit-toroq biex jittiehed l-ilma minnhom sabiex jinhaslu toroq. Dwar dan il-Kunsill informa lill-Perit Mario Ellul, fejn b`risposta ghal dan il-Perit infurmana li l-Kunsill ghandu jigbor l-ilma mill-gibjuni ta` Triq Mons. Pawlu Gonzi u mill-gibjun tal-Pjazza. Is-Sindku qal li l-ilma jista` jingibed imma l-magna li giet imweghda lill-Kunsill ghadha ma waslitx, ghalhekk l-ilma ghalxejn ikun ngibed jekk magna m`ghandniex. Is-Sindku kompla jghid li l-Kunsill anke kien offra biex din il-magna tinzamm f`post milli ghandhu l-Kunsill u tintuza minn haddiem tal-ETC, fejn ghal kuntrarju tar-Restoration Unit qed jghidu li l-Kunsill ma ridiex din il-magna. Dan kollhu huwa kontraditorju ta` dak li qal il-Kunsill.

## 4.9 Squash Courts u Health Centres fil-lokalita tal-Birgu

Mibughta ittra lill-Kunsill mis-Sur Bradley Hindle dwar l-ideja li jsiru squash courts fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sur Hindle jixtieq jghin finanzjarjament il-Kunsill sabiex fil-lokalita tal-Birgu jinbnew squash courts. Dwar din l-ideja l-Kunsill m`huwiex fi stat li jiehu decizjoni u dan ghal fatt li zoni ta` spazju fil-lokalita tal-Birgu huwa wiehed limitat u l-unika zona li hija mdaqqsa sew, hija dik tal-Glaziz, li diga hemm progetti ohra anticipati li jsiru fiha.

## 4.10 Cirk15/2016 – Hatra ta` Segretarju Ezekuttiv gdid u l-importanza li jkun hemm handover u audit

Mibughta Cirk15/2016 fejn tinforma lill-Kunsilli sabiex meta tinhatar Seg. Ezekuttiv gdid f`Kunsill ghandha tinghata handover mis-Segretarju precedenti u ssir mid term audit. Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li sfortunatment fil-passar qatt ma nghataw handovers kif sippost u din hija wahda mir-ragunijiet ghala l-Kunsill jinsab f`din is-sitwazzjoni finanzjarja mhux daqshekk tajba. Is-Sur Gellel kompla billi qal s-Segretarji Ezekuttivi precedenti kienu bl-ideja li dak li ma sarx fi zmiemhom, ma jerghfux responsabilita tieghu.

## 4.11 Cirk18/2016 – Ordnijiet Permanenti – Laqghat tal-Kunsilli Lokali

Mibughta Cirkulari dwar l-ordnijiet permanenti li fuqhom ghandhom jitmexxew il-laqghat tal-Kunsilli Lokali. Din il-korrispondenza giet mghoddija lill-Kunsilliera kollha ghal attenzjoni taghhom. Is-Sindku qal li huwa ferm importanti li din il-korrispondenza tigi nnutata tajjeb.

## 4.12 Laqgha mac-Chairman tal-MEPA

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li nhar it-Tnejn 5 ta` Settembru fid-disgha ta` filghodu ser issir laqgha mac-Chairman tal-Mepa, is-Sur Vince Cassar u l-Perit Claude Busuttil ser ikun jikkumpanja lis-Sindku ghal din il-laqgha fejn ser tigi diskussa l-applikazzjoni tal-Munument ta` La Vallette u dan ghal fatt li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kull darba li japplikka ghal xi permess, qed jiehu battika u l-process qed jiehu fi tul sakemm l-applikazzjoni tigi approvata.

## 4.13 Wirja ta` arti u "*fashion design*"

Mibughta ittra dwar wirja ta` arti u fashion design li s-Sur Patrick Vella flimkien ma Simona Vella jixtiequ jtellu fl-entratura tal-Kunsill waqt Jum il-Birgu 2017 li ser ikun il-Hamis 7 ta` Settembru 2017. Dwar din it-talba, l-Kunsill ma jsib l-ebda ogezzjoni u ghalhekk kien hemm qbil unanimu.

## 4.14 Proposta gdida ghall-strutura ta` metal fil-Vittoriosa Waterfront

Mibughta ittra mis-Sinjura Francelle Caruana minn naha tal-MTA dwar il-proposta l-gdida ta` struttura tal-metal (platform) fil-Vittoriosa Waterfront sabiex ikun aktar konvenjenti ghall-barklori li jkunu qeghdin jaghtu servizz taghhom. Is-Sinjura Caruana bghatet l-pjanti kollha u talbet lill-Kunsill sabiex jilqa` u japprova din it-talba. Wara li din il-proposta giet diskussa, l-Kunsill qabel li ma` din il-proposta u ma jsib l-ebda ogezzjoni.

**4.15 <u>Mibughta ittra bid-donazzjoni offruta mill-Alf.Mizzi & Sons ghall-upgrading tal-bandli fil-Birgu.</u>**

Is-Sur John Boxall prezenta ittra li l-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva minghand il-kumpanija Alf Mizzi & Sons fejn bhala kumpanija rritiraw kollox wara l-intervista li saret mis-Sindku fuq il-progett tal-Arlogg fil-Pjazza. Is-Sur John Boxall kompla jghid li ghal dan li gara, huwa personali talab u stieden lill-Orrizont u Times of Malta biex jwiegeb ghal dak li gie muri mill-inervista li saritlu fuq il-PBS. Is-Sur Boxall kompla billi qal li l-kumpanija Alf Mizzi & Sons ghogobha toffri donazzjoni ta` ghaxar t`elef ewro ghat-tisbih tal-bandli, fejn is-Sur Boxall zied jghid li dan l-ammont huwa ftit wisq ghall-ispiza li gej jiswa` l-bandli. Is-Sur Boxall kompla billi qal li huwa bhala Sindku ser jibda jikteb u jinforma lir-residenti b`dak kollhu li jkun qe djigri dabiex ikunu jafu minn xiex jghaddi l-Kunsill u kif ukoll huwa personalment. Is-Sur Gellel ssugerriexa li l-flus li hemm tal-UIF jizdiedu ma` dawn l-ghaxar t`elef sabiex issir il-bandli. Ghal dan is-Sur Boxall qal li xorta dawn il-flus m`humiex bizzejjed biex ikompru l-ispejjez. Is-Sindku zied jghid li ghandha tintbaght ittra ta` ringrazzjament lill Alf. Mizzi & Sons.

## 5. <u>Punti ohra mqajma waqt il-Laqgha</u>

Is-Sur Gellel staqsa dwar x`azzjonijiet ser jittiehdu mill-Kunsill biex fil-Pjazza tal-Birgu jizdiedu dustbins. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill qieghed jigbor il-kwotazzjonijiet.

## 6. Aggornament

Il-Laqgha 21 (07) Kontinwazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fit-4.30 pm (fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar).

| | |
|---|---|
| Lara Mascena (iffirmati) | John Boxall (iffirmati) |
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

*Approvati llum 18 ta` Ottubru 2016*